## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. JOSEPH GALEA (KI. 293290M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

### 01/11/2022

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

Taħrika ta' Kawża: **PULIŻIJA** Lil: **JOSEPH GALEA (293290M)** Vettura: **GAC194 HYUNDAI**
Billi int akkużat talli fid-data, ħin u post hawn imsemmi
Data u Ħin: **Nhar is-17/6/2018 ghal habta ta`22:45pm**

Post: **TRIQ IL KOSTA** Lokalita': **NAXXAR**

**(1) Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnek jew min dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma tkunx issehh polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni** ( Kap 104 Artiklu 3 (1) )

**(2) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenza tas-sewqan** ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

**(3) Inqast li tipproduci il-polza tal-assikurazzjoni hekk kif gejt mitlub mill-Pulizija** ( Kap 104 Artiklu 8 (1) )

**(4) Inqast li tipproduci l-licenza tas-sewqan meta gejt mitlub taghmel hekk mill-Pulizija jew mill-Awtorita fi zmien kif stipulat mill-ligi** ( L.S. 65.18 Artiklu 77 )

**(5) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, li ma kelliex licenza** ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

**(6) Inqast u/jew irrifjutajt li taghti jew tajt falz lill-puluzija jew ufficjal iehor meta talabkhom waqt il-qadi ta`dmirijietu, ismek u kunjomok, fejn toqghod u partikolarijiet ohra.** ( Kap 9 Artiklu 338 (G) )

**(7) Bhala persuna inti sirt recediv b`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 12/4/2016 mill-MAGT.DR.F.DEPASQUALE LL.D liema sentenza saret definita u ma tistax tigi mibdula.** ( Kap 9 Artiklu 49, 50 )

**(8) Ksirt l-Artikolu 22 tal-Kapitlu 446 b`sentenza moghtija lilek QOARTI TAL-MAGISTRATI (MALTA), datata 18/7/2017, MGT.DR.I.FARRUGIA LL.D**( Kap 446 Artiklu 23 (1) )

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha jew fejn applikabbli qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom, u ċioe ix-xhieda ta' PC 927 (affidavit), PS 1194 (affidavit) u Yesenia Maria Pace (Deputat Reġistratur).

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Imputazzjonijiet numru wieħed (1), tlieta (3), erba' (4) u sitta (6)*

Jirriżulta li l-imputat ġie notifikat b'mod validu l-ewwel darba biċ-ċitazzjoni fis-27 ta' Frar 2019. Għalhekk l-imputazzjonijiet numru wieħed (1), tlieta (3), erba' (4) u sitta (6) huma preskritti bit-trapass taż-żmien

*Imputazzjoni numru tnejn (2)*

Jirriżulta illi għalkemm fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2022 l-avukat difensur iddikjara illi l-imputat ma' kellux liċenzja tas-sewqan fid-data tar-reat, madanakollu ma' ġiet irreġistrata l-ebda ammissjoni b'mod formali min-naħa tal-istess imputat. Inoltre ma' tressqet l-ebda prova f'dan ir-rigward. Għalhekk din l-imputazzjoni m'hijiex ser tirriżulta.

*Imputazzjoni numru ħamsa (5)*

Anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni (ossija s-sewqan ta' vettura li ma' tkunx ġiet liċenzjata) il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi f'dan ir-rigward. Għalhekk lanqas din l-imputazzjoni m'hija ser tirriżulta.

*Imputazzjonijiet numru seba' (7) u tmienja (8)*

B'riżultat tal-fatt illi l-imputat ser jiġi liberat mill-imputazzjonijiet l-oħra kollha, kemm is-seba' imputazzjoni (l-addebitu tar-reċidiva) u kemm it-tmien imputazzjoni (il-kommissjoni ta' reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' liberta' kundizzjonata) ma' jistgħux jirriżultaw.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha maħruġa kontra tiegħu.**

**V.G. Axiak** — **Y.M. Pace**

**Maġistrat** — **Dep. Reġistratur**